Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,296, 8 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 297 ta' l-2002

ATT TA' L-2001 LI JEMENDA L-ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (ATT NRU. XXXI TA' L-2001)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1(1) ta' l-Att ta' l-2001 li jemenda l-Att Kontra *Money Laundering*, il-Ministru tal-Finanzi stabbilixxa t-8 ta' Ottubru, 2002 bħala d-data meta s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15, paragrafi (a) (b) (d) f'subartikolu (1) ta' l-artikolu 16, is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 21 u l-artikoli 26, 28, 29, 30, 31 u 32 tat-Taqsima II ta' l-Att Kontra *Money Laundering*, li jinsabu fl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2001 li jemenda l-Att Kontra *Money Laundering*, għandhom jibdew iseħħu.